# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Marzu 2019**

**Numru 14**

**Rikors numru 93/17 JPG**

**Il-Pulizija (Spettur Kevin Pulis)**

**v.**

**Robert Agius**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan huwa appell principali tal-imputat Robert Agius u appell incidentali maghmul mill-Avukat Generali mis-sentenza moghtija fl-10 ta' Ottubru, 2018, [is-sentenza appellata] mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet hekk:-

> "Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tirrispondi ghar-referenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali billi tiddikjara illil-proceduri ta' Robert Agius li ilhom pendenti minn Mejju 2012, huma lesivi tad-dritt tieghu ghas-smigh xieraq fi zmien ragonevoli sancit bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.
>
> "Tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Qrati Kriminali u Tribunali sabiex jassikura li jiehu l-passi kollha necessarji fi zmien gimgha ghar-riappuntament spedit tal-Appell ta' Nadia Rapinett.
>
> "Tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u tissollecitha taghmel l-almu taghha sabiex takkorda l-ispeditezza mistennija fil-proceduri kontra Nadia Rapinett, mifhuma c-cirkostanzi tal-proceduri kriminali kontra Robert Agius, b'mod specjali d-durata tal-istess.
>
> "Trodna lil-atti jigu rimessi quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex jitkompla l-prosegwiment tal-proceduri quddiem dik il-Qorti fid-dawl ta' dak fuq deciz.
>
> "L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-Kummissarju tal-Pulizija".

<u>Il-Fatti</u>

2. Il-fatti rilevanti ghal dan l-appell kif jirrizultaw mill-atti huma s-segwenti. L-imputat kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-11 ta' Mejju, 2012, fejn gie akkuzat bir-reat ta' assocjazzjoni ghal bejgh jew traffikar tad-droga eroina, pussess aggravat tad-droga, pussess ta' armi tan-nar jew munizzjoni minghajr licenzja, u li sar recediv. L-ewwel Qorti fis-sentenza appellata elenkat kronologikament is-seduti li nzammu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.

3. Fis-6 ta' Settembru, 2017, l-akkuzat [illum ir-rikorrenti] ipprezenta rikors quddiem dik il-Qorti fejn, filwaqt li ghamel referenza ghall-Artikolu

39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta [Kostituzzjoni] u s-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem [il-Konvenzjoni] u lmenta li l-proceduri kriminali quddiem dik il-Qorti tal-Magistrati ma kienux qed isiru bis-speditezza mehtiega u fi zmien ragjonevoli kif jirrikjedu dawk l-artikoli, talabha tirreferi l-vertenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha sabiex dik il-Qorti taqta' u tiddeciedi jekk il-proceduri in kwistjoni li kienu nbdew f'Mejju ta' 2012 u li kienu ghadhom ma ntemmux, kienux vjolattivi tal-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni msemmija. Talab ukoll li jinghataw dawk id-direttivi opportuni sabiex jigi assigurat li ma tkomplix issehh il-vjolazzjoni fil-konfront tieghu.

4. Permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali [il-Qorti tal-Magistrati] moghti fil-21 ta' Novembru, 2017, dik il-qorti, wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha, ordnat hekk:

> "…peress li fil-fehma tal-Qorti t-talba ghal riferenza kostituzzjonali kontenuta fir-rikors tal-imputat tas- 6 ta' Settembru 2017 (a fol. 649 et seq.) mhijiex wahda frivola jew vessatoria, il-Qorti tilqa' t-talba ghal riferenza kostituzzjonali u qed tirreferi l-kaz lill-Qorti Civili Prim (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) sabiex tkun tista' taghti l-gudizziju taghha dwar dan il-punt imsemmi hawn fuq".

Ir-risposta tal-Avukat Generali

5. L-intimat Avukat Generali fir-risposta tieghu, filwaqt li rrileva li t-talba nnifisha tal-imputat kienet ser twassal sabiex il-proceduri kriminali kontra tieghu jitwalu inutilment, issottometta li l-pretensjonijiet tar-rikorrent kienu infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Spjega li sabiex jigi deciz jekk hemmx ksur tad-dritt tas-smigh xieraq fi zmien ragonevoli, ghandhom jigu meqjusa s-segwenti konsiderazzjonijiet: (a) il-komplessita` tal-kaz; (b) l-agir tal-partijiet; (c) l-agir tal-awtorita` jew l-awtoritatjiet relevanti. Dawn ghandhom jigu ezaminati fid-dawl tal-procedura shiha u fil-kaz odjern ma kienx jirrizulta li kien hemm dewmien irragjonevoli. Izda, fl-eventwalita` li l-ewwel Qorti kienet ser issib li d-dewmien hu fil-fatt irragjonevoli, allura r-rimedju kellu jkun biss wiehed ta' kumpens konsistenti f'danni morali u mhux f'danni materjali.

Is-Sentenza Appellata

6. Ghall-ahjar intendiment tal-gudizzju odjern is-sentenza appellata ser tigi riprodotta fl-intier taghha:-

> "Rat ir-referenza permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Novembru, 2017, fol 1, liema referenza giet imqanqla mill-akkuzat Robert Agius;
>
> "Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija datata 7 ta' Marzu 2018, a fol 17 et seqq li taqra hekk:
>
>> "*Illi fir-referenza kostituzzjonali odjerna il-Qorti tal-Magistrati irreferit lil din l-Onorabbli Qorti qieghed dwar ilment kostituzzjonali u cioe' jekk l-akkuzat Robert Agius hux qieghed igarrab lezjoni tad-drittijiet*

*fundamentali tieghu kif protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minhabba dewmien irragjonevoli fil-proceduri fl-ismijiet "Il-Puluzija vs. Robert Agius".*

"*Illi l-esponenti jibda biex jirrileva li fid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati tal-21 ta' Novembru 2017 dik il-Qorti dehrilha li kellha tistenna li din l-kwistjoni kostituzzjonali imqanqla tigi rizolta sabiex tkompli tisma l-proceduri odejrni. Dan minnu nnifsu jfisser li l-proceduri kriminali ser jitwalu iktar milli sippost. M'hemm l-ebda dubju li talba bhal din mill-akkuzat Agius hija intiza biss biex il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu jitwalu inutilment.*

"*Illi esponenti jirrespingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

"*Illi huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegh ta' process eccediex il-parametri tas-smiegh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita' gudizzjarja. Ghalhekk, skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.*

"*Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas lampanti mill-partijiet involuti li wassal ghal dewmien biex il-kawza tinstema fi zmien ragjonevoli u wisq inqas ma kien hemm nuqqas mill-esponent.*

"*Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta.*

"*Illi sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggahom fit-tgawdija tad-drittjiet taghhom skond il-Ligi.*

"*Illi finalment sabiex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragjonevoli, kull kaz irid jigi studjat fuq il-mertu tieghu u fil-kumplessivita' tieghu u fil-kaz odjern l-esponent jeccepixxi li mill-assjem tal-proceduri kriminali in dezamina ghalkemm il-kaz qed jiehu numru ta' snin, ma kienx hemm dewmien irragjonevoli.*

"*Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess u ghall-gieh tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irragjonevoli u allura tqis li ghandha taghti xi forma ta' rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju ghandu jkun biss ta' kumpens bhala danni morali u mhux ta' danni materjali.*

> “*Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl[-ispejjez kontra tieghu.*
>
> “*Salvi eccezzjonijet ulterjuri.*
>
> “*Bl-ispejjez.*

“Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

“Semghet ix-xhieda bil-gurament;

“Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

“**Ikkonsidrat;**

“**Eunice Grech Fiorini,** Assistant Registratur fil-Qrati Civili u Tribunali, xehdet a fol 27 *et seqq* illi m’hemm l-ebda proceduri kostituzzjonali f’isem Nadia Rapinett. Spjegat li pero, meta ccekjat mad-Deputat Registratur tal-Qorti tal-Appell Kriminali kienet giet informata illi l-appell ta’ Rapinett jinsab differit *sine die* peress illi qed jistenna l-ezitu ta’ referenza kostituzzjonali f’ismijiet differenti, u cioe f’isem Mario Zammit illi pero issa giet deciza u ghalhekk l-appell ta’ Rapinett rega gie appuntat ghas-26 t’April.

“**Maria Ruth Ciantar,** in rapprezentanza tad-Direttur Qrati Kriminali u Tribunali, xehdet a fol 30 *et seqq* illi l-appell ta’ Nadia Rapinett kien gie differit sine die minhabba li kienet saret referenza kostituzzjonali. Spjegat illi din ir-referenza kostituzzjonali giet deciza **izda l-appell ta’ Rapinett ghadu ma giex ri-appuntat.** Qalet ukoll li l-ahhar differiment qabel mal-appell mar *sine die* kien fit-13 ta’ April 2016.

“**Ikkonsidrat:**

“<u>Mill-atti processwali jirrizulta dan l-isfond fattwali tal-kaz:</u>

“Agius gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Struttorja fil-11 ta’ Mejju 2012, wara li kien gie arrestat fid-9 ta’ Mejju tal-istess sena, fuq akkuza ta’ assocjazzjoni ghal bejgh jew traffikat tad-droga eroina, pussess aggravat tad-droga, pussess ta’ armi tan-nar jew munizzjoni minghajr licenzja, u li sar recediv. Wahda mix-xhieda tal-prosekuzzjoni hija certu Nadia Rapinett li kienet irrilaxxat zewg stqarriji, u stqarrija guramentata quddiem il-Magistrat Inkwirenti, fejn identifikat lil Agius bhala allegatament il-persuna fuq struzzjonijiet ta’ min kienet dahlet id-droga hawn Malta. Din ix-xhud giet prodotta mill-prosekuzzjoni darbtejn qabel ma nqraw l-artikoli, ghal darbtejn kienet ghazlet li ma tixhedx sabiex ma tinkriminax ruhha, peress li kien hemm proceduri kriminali pendenti kontra taghha fuq l-istess fatti. Ftit anqas minn sentejn wara illi nqraw l-artikoli, izda qabel ma kien lahaq xehed Agius, u cioe fl-1 ta’ Marzu 2016, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali laqghat talba maghmula mill-prosekuzzjoni sabiex tigi awtorizzata tipproduci lil Nadia Rapinett bhala xhud, wara li gie

argumentat mill-prosekuzzjoni illi hija kienet ghada ma ghalqitx il-provi taghha. Ghal ftit aktar minn sena l-kawza kienet qed tigi differita sabiex il-prosekuzzjoni tipproduci lil Nadia Rapinett biex tixhed, u meta eventwalment dehret l-istess Rapinett regghat, ghat-tielet darba, ghazlet li ma tixhedx stante li kien hemm proceduri pendenti kontra taghha. Id-difiza ghalhekk talbet lil Qorti sabiex tiddikjara l-provi tal-prosekuzzjoni maghluqa, izda l-Qorti cahdet din it-talba ghaliex ma kienetx sodisfatta li kienet tezisti raguni valida biex tilqa' t-talba f'dak l-istadju. Kien ghalhekk illi, fuq talba tad-difiza, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet referenza lil din il-Qorti sabiex jigi mistharreg jekk il-proceduri kriminali kontra l-imputat humiex qeghdin jinzammu fi zmien ragjonevoli ai termini tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

"<u>Elenku kronologiku tas-seduti li nzammu quddiem il-Qorti tal-Magistrati:</u>

| | |
|---|---|
| 11 ta' Mejju 2012 | Agius jitressaq quddiem il-Qorti taht arrest. |
| 23 ta' Mejju 2012 | Instemghu hames xhieda, jigi esebit il-proces verbal u jigi estiz l-inkarigu ta' xi esperti nominate waqt l-inkjesta. |
| 28 ta' Gunju 2012 | Instemghu 10 xhieda, inkluz Nadia Rapinett li taghzel li ma tixhedx stante illi hemm pendenti proceduri kriminali kontra taghha. |
| 3 ta' Lulju 2012 | Kawza differita bi qbil bejn il-partijiet. |
| 3 ta' Awissu 2012 | Instemghu erba' xhieda. |
| 11 ta' Settembru 2012 | Ma jsir xejn ghaliex l-espert nominat Dr. Martin Bajada kien ghadu ma espletax l-inkarigu tieghu. |
| 18 ta' Ottubru 2012 | L-espert nominat Dr. Bajada ghadu ma espletax l-inkarigu tieghu. Instemghu provi rigward it-talba ghal varjazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-liberta provvizorja. |
| 30 ta' Ottubru 2012 | Ir-rapport ta' Dr. Bajada ghadu mhux lest. Instemgha xhud fuq il-varjazzjoni tal-liberta provvizorja. |
| 30 ta' Novembru 2012 | Kawza differita fuq talba tal-prosekuzzjoni. |
| 11 ta' Jannar 2013 | Instemgha xhud rigward il-kondizzjonijiet tal-liberta provvizorja. |

| | |
|---|---|
| 19 ta' Frar 2013 | Kawza differita. |
| 28 ta' Frar 2013 | Imputat mhux prezenti. |
| 9 ta' April 2013 | Instemghu zewg xhieda. |
| 15 ta' Meju 2013 | Gie prezentat ir-rapport ta' Dr. Martin Bajada, u instemgha xhud. |
| 21 ta' Gunju 2013 | L-ebda xhieda ma jitressqu mill-prosekuzzjoni. |
| 31 ta' Lulju 2013 | Kawza differita fuq talba tal-prosekuzzjoni. |
| 17 ta' Settembru 2013 | Kawza differita fuq talba tal-prosekuzzjoni. |
| 24 ta' Ottubru 2013 | Agius jaghti l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarju u d-difiza titlob differiment. |
| 23 ta' Jannar 2014 | Kawza differita fuq talba tad-difiza. |
| 27 ta' Marzu 2014 | Kawza differita stante li ma deherx l-avukat tal-imputat. |
| 7 ta' Mejju 2014 | Jinqraw l-artikoli. |
| 19 ta' Gunju 2014 | Nadia Rapinett tiddikjara li m'hijiex ser tixhed tramite l-avukat taghha Dr. Joe Brincat, u l-imputat konsegwentement jirrinunzja ghal kontro-ezami taghha. |
| 27 ta' Lulju 2014 | Kawza differita ghaliex l-imputat kien jinsab indispost. |
| 30 ta' Settembru 2014 | Kawza differita fuq talba tad-difiza. |
| 11 ta' Novembru 2014 | Kawza differita ghaliex l-imputat kien jinsab indispost. |
| 20 ta' Jannar 2015 | Kawza differita ghaliex l-imputat ma setghax jattendi peress li martu kienet ser tigi operata. |
| 10 ta' Marzu 2015 | Issir talba mid-difiza biex jigi revokat contrario imperio d-digriet taghha rigward it-talba ghar-rikuza. |

| | |
|---|---|
| 5 ta' Mejju 2015 | It-talba ghar-revoka msemmija tigi michuda. |
| 20 ta' Mejju 2015 | L-imputat u l-avukat tieghu ma jidhrux. |
| 1 ta' Lulju 2015 | Kawza differita fuq ordni tal-Qorti minhabba xoghol ta' natura urgenti. |
| 23 ta' Settembru 2015 | Il-partijiet jezentaw lil Qorti milli terga tisma' l-provi mismugha stante tibdil fil-magistrat sedenti. |
| 13 ta' Ottubru 2015 | Kawza differita fuq talba tal-prosekuzzjoni stante li nbidel il-prosekutur. |
| 20 ta' Jannar 2016 | Isiru s-sottomissjonijiet fuq ir-rikors tal-prosekuzjoni sabiex tigi awtorizzata tressaq aktar provi. |
| 1 ta' Marzu 2016 | Inghata digriet, u l-Qorti tawtorizza lil prosekuzzjoni sabiex tipproduci lil Nadia Rapinett bhala xhud. |
| 25 ta' Mejju 2016 | Ma jsir xejn peress illi l-prosekuzzjoni ma harkitx lil Nadia Rapinett ghaliex l-appell taghha kien gie differit sine die. |
| 25 ta' Ottubru 2016 | Nadia Rapinett, imharrka, ma tidhirx. Id-difiza titlob lil Qorti sabiex tiddikjara l-provi tal-prosekuzzjoni maghluqa. |
| 19 ta' Jannar 2017 | Nadia Rapinett ma tidhirx, u r-riferta taghha negattiva. |
| 10 ta' Mejju 2017 | Nadia Rapinett ma tidhirx minkejja li gie debitament notifikata. Jinhareg mandat t'akkompanjament. |
| 14 ta' Gunju 2017 | Nadia Rapinett terga taghzel ghat-tielet darba li ma tixhedx. Id-difiza terga titlob li jinghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni u t-talba tigi michuda mill-Qorti. |
| 18 ta' Ottubru 2017 | Kawza differita sabiex jinghata digriet fuq it-talba tad-difiza li ssir referenza. |
| 21 ta' Novembru 2017 | Il-Qorti taghti d-digriet rigward it-talba ghar-referenza. |

"**Ikkonsidrat;**

"Skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, li tirrifletti dik tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, biex jigi stabbilit il-qies tad-dewmien fil-proceduri, il-Qorti trid tezamina tliet konsiderazzjonijiet, u cioe:

"1. Il-komplessita tal-kaz;
"2. L-imgieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment;
"3. Is-sehem tal-awtorijiet koncernati fid-dewmien.[1]

"Dan ghaliex "***il-fattur taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz [ara Applik Nru 1103/6 kontra l-Belgju].***" [2]

"Ghalkemm ma tezisti l-ebda lista komprensiva li tista' twassal lil Qorti sabiex tiddetermina illi rikorrent ikun sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba dewmien irragonevoli, jinsab assodat kemm fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, kif ukoll dik Ewropeja, illi il-komplessita` tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex il-kaz jigi deciz b'mod finali huma fatturi krucjali illi ghandhom jigu kkonsidrati mill-Qorti.[3]

"Fir-rigward tat-tifsira tal-kuncett "zmien ragonevoli", il-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-kawza waslet ghal gudizzju kienx ta' tul tali, li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika. Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu.[4]

"Fil-kaz in kwistjoni, il-perjodu relevanti ghandu jigi kkonsidrat li beda jiddekorri mid-9 ta' Mejju 2012, u cioe minn meta gie arrestat l-akkuzat.[5] Ghalhekk, il-proceduri kontra l-imputat s'issa ilhom ghaddejjin **circa sitt snin u erba' xhur**. F'dan iz-zmien inzammu 41 seduta quddiem il-Qorti,

[1] Vide inter alia **Sydney Ellul Sullivan vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et**, Qorti Kostituzzjonali deciza fit-28 ta' Jannar 2013.

[2] **Anthony Camilleri et vs L-Avukat Generali et**, Qorti Kostituzzjonali deciza fit-28 ta' Settembru 2012.

[3] **Zakkarija Calleja vs L-Avukat Generali**, Qorti Kostituzzjonali deciza fil-15 ta' Dicembru 2015.

[4] **Emanuela Brincat vs L-Avukat Generali**, Qorti Kostituzzjonali deciza fil-21 ta' Frar 1996, citata b'approvazzjoni anke fil-kuntest ta' proceduri civili fis-sentenza Zakkarija Calleja vs L-Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali deciza fil-15 ta' Dicembru 2015.

[5] Vide **Malcolm Said vs Avukat Generali et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 14 ta' Jannar 2016 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Gunju 2016.

u cioe medja ta' sitt dehriet fis-sena, u tressqu 20 xhud mill-prosekuzzjoni, liema xhieda kienu diga tressqu kollha sa' Mejju 2013, eccetto Nadia Rapinett. Ix-xhud Rapinett ghalkemm effettivament tressqet tlett darbiet biex tixhed, ghazlet li ma tixhedx biex ma tinkriminax ruhha pendenti il-process kriminali taghha.

"Ghalkemm l-Avukat Generali jargumenta fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu illi l-prosekuzzjoni qatt ma talbet differiment, jirrizulta bhala stat ta' fatt mill-verbali tal-Qorti illi fil-verita l-prosekuzzjoni talbet differiment erba' darbiet, ghalkemm fil-fehma tal-Qorti zgur ma jistghax jinghad li r-raguni tad-dewmien kienu dawn id-differimenti. Filfatt lanqas l-avukat m'hu qed jallega dan.

"Il-Qorti rat illi l-ahhar darba li l-prosekuzzjoni resqet prova, qabel ma tresqet Nadia Rapinett ghat-tielet darba, kien fil-15 ta' Mejju 2013, meta giet prezentata r-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada. Fi kliem iehor, qabel ma gie prezentat ir-rikors mill-prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tal-Magistrati tawtorizzha tressaq provi ohra, il-prosekuzzjoni kienet **ilha aktar minn sentejn ma tressaq provi**, u mill-verbali lanqas jidher li mqar kienet qed tipprova taghmel dan.

"Fil-fehma tal-Qorti, l-argument tal-intimati illi l-Istat m'ghandux x'jahti ghad-dewmien in kwistjoni, u li dan id-dewmien huwa gustifikat, ghaliex Rapinett ghandha dritt li ma tixhedx, u ghandha dritt li tappella mis-sentenza moghtija kontra taghha, filwaqt li l-prosekuzzjoni ma tistghax tigi mistennija li tirrinunzja ghal xhud, li skont hi, huwa indispensabbli, huwa inacettabbli meta wiehed japprezza z-zmien perkors. L-Istat huwa responsabbli ghal dan id-dewmien partikolarment fin-nuqqas ta' nteress u deligenza murija fejn ghaddiet sena shiha qabel xi hadd intebah li r-Referenza Kostituzzjonali ta' Mario Zammit kienet giet deciza u setghu jitkomplu il-proceduri ta' Appell ta' Rapinett.

"L-Istat ghandu obbligu li jassikura illi hemm numru adekwat ta' gudikanti sabiex dawn ikunu f'qaghda li jaghmlu haqq mal-partijiet fiz-zmien ragonevoli u dan jinkludi proceduri li jissalvagwardaw d-dritt ta' appell u drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tac-cittadin Malti.

"Il-Qorti rat illi minkejja li x-xhud Eunice Grech Fiorini xehdet illi l-appell ta' Rapinett gie ri-appuntant, Maria Ruth Ciantar, in rapprezentanza tad-Direttur tal-Qrati Kriminali u Tribunali qalet illi l-appell ta' Rapinett kien ghadu ma giex appuntat. Filfatt, il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda dokumentazzjoni jew xhud iehor sabiex jitfu' dawl fuq dan, u ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr li tqis li l-appell ta' Rapinett ghadu ma giex ri-appuntat. Mix-xhieda jirrizulta li ghal xi raguni, l-appell ta' Rapinett kien gie differit *sine die* pendenti l-ezitu ta' referenza kostituzzjonali intavolata minn certu Mario Zammit, fejn Rapinett ma kienetx parti. Fi kwalunkwe kaz, dawn il-proceduri kienu **gew finalment decizi fit-18 ta' Lulju 2017, u sas-17 ta' Awissu 2018, jigifieri aktar minn sena wara, ma jidhirx illi l-Avukat Generali kien f'posizzjoni**

**li jipprezenta prova li l-appell ta' Rapinett kien gie ri-appuntat, wisq anqas deciz.**

"Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti huwa inaccettabbli fi stat demokratiku illi aktar minn hames snin wara l-arrest tal-imputat, il-prosekuzzjoni ghada m'ghalqitx il-provi taghha ghaliex l-appell ta' Rapinett ghadu ma giex deciz. Huwa inaccettabbli wkoll li l-Istat jargumenta li m'ghandu l-ebda htija ghal dan. L-Istat ghandu l-obbligu li jorganizza s-sistema gudizzjarja tieghu b'mod li din tahdem b'mod efficjenti u ma tikkawzax dewmien inordinat bid-disposizzjoni tal-kawza. F'dan il-kaz partikolari, l-Istat kellu kull possibilita, u kull interess illi jassigura li l-proceduri kontra Rapinett jigu konkluzi mill-aktar fis possibbli. Minkejja dan, aktar minn sena wara li giet deciza r-Referenza Kostituzzjonali ta' Mario Zammit, l-appell ta' Rapinett (li kien gie differit *sine die),* ma jirrizultax li gie ri-appuntat. Illi ghalhekk erba' snin wara s-sentenza in prim'istanza, l-appell ta' Rapinett ghadu mhux deciz.

"Din il-Qorti taghraf pero illi il-proceduri kontra Robert Agius huma ta' portata sostanzjali ghaliex jikkoncernaw akkuzi ta' assocjazzjoni ghall-bejgh jew traffikar ta' dorga eroina u pussess aggravat tal-istess.

"Infatti t-testimonjanza tax-xhud ewlieni Nadia Rapinett jista' jkollha relevanza krucjali ghall-kaz ta' Robert Agius.
Ghaldaqstant mhuwiex indikat ir-rimedju ta' l-gheluq tal-provi tal-prosekuzzjoni fil-kaz in ezami.

"**Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tirrispondi ghar-referenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali billi tiddikjara illi l-proceduri ta' Robert Agius li ilhom pendenti minn Mejju 2012, huma leziva tad-dritt tieghu ghas-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli sancit bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

**Tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Qrati Kriminali u Tribunali sabiex jassikura li jiehu l-passi kollha necessarji fi zmien gimgha ghar-riappuntament spedit tal-Appell ta' Nadia Rapinett.**

"**Tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u tissollecitha taghmel l-almu taghha sabiex takkorda l-ispeditezza mistennija fil-proceduri kontra Nadia Rapinett, mifhuma c-cirkostanzi tal-proceduri kriminali kontra Robert Agius, b'mod specjali d-durata tal-istess.**

"**Tordna li l-atti jigu rimessi quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex jitkompla l-prosegwiment tal-proceduri quddiem dik il-Qorti fid-dawl ta' dak fuq deciz.**

"**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-Kummissarju tal-Pulizija**".

## L-Appell

7. Ir-rikorrent ipprezenta l-appell tieghu fid-19 ta’ Ottubru, 2018, fejn qed jitlob lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

> “1. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn iddikjarat illi l-proceduri ta’ Robert Agius li ilhom pendenti minn Mejju, 2012, huma leziva tad-dritt tieghu ghas-smigh xieraq fi zmien ragonevoli sancit bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;
>
> “2. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat li l-ispejjez tal-kawza kellhom jithallsu mill-Kummissarju tal-Pulizija;
>
> “3. Tordna l-gheluq immedjat tal-provi tal-Prosekuzzjoni fil-proceduri *‘Il-Pulizija [Spettur Kevin Pulis] vs Robert Agius’* pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.
>
> “Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Kummissarju tal-Pulizija”.

8. L-aggravju principali tieghu hu li r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti ma kienx wiehed gust u proporzjonali u qed jippretendi li l-uniku rimedju effettiv hu li l-Prosekuzzjoni tigi ordnata taghlaq il-provi taghha minnufih.

9. Fir-risposta tieghu tat-2 ta’ Novembru, 2018, l-intimat sostna li hu wkoll ma kienx jaqbel mar-rimedju moghti mill-ewwel Qorti, u dan ghal ragunijiet differenti. Issottometta li l-ewwel Qorti ma kellhiex taghti rimedju specifiku izda kienet dovuta biss twiegeb ghar-referenza kostituzzjonali u hawn jispjega li lanqas ma seta’ jigi kkonsidrat li d-dewmien kien wiehed mhux gustifikat.

L-Appell Incidentali.

10. L-intimat ipprevalixxa ruhu mill-appell tal-imputat sabiex ipprezenta appell incidentali flimkien mar-risposta tieghu fejn qed jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi "*tikkonfermaha biss f'dik il-parti fejn iddikjarat li sehhet vjolazzjoni tal-jedd tar-rikorrent ghal smigh xieraq fi zmien ragionevoli, thassarha u tirrevokaha fil-bqija bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat Agius*". Iffisser li l-aggravju tieghu jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti ma wegbitx biss dwar il-ksur o meno tal-jedd ghal smigh xieraq tar-rikorrent, izda tat ukoll rimedju meta l-kwistjoni kienet tirrigwarda referenza kostituzzjonali u mhux kawza ta' natura kostituzzjonali.

11. Ir-rikorrent ipprezenta risposta fid-19 ta' Novembru, 2018, fejn qed jissottometti li ga ladarba l-ewwel Qorti sabet ksur hi kellha s-setgha li taghti rimedju xieraq.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.

12. L-aggravji taz-zewg partijiet huma dwar ir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti, u ghalhekk ser jigu trattati flimkien. Ir-rikorrent qed jilmenta li r-rimedju moghti mhuwiex gust u proporzjonali ghaliex mhux effettiv. L-intimat imbaghad jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ma kellhiex taghti

rimedju izda kellha twiegeb biss ghar-referenza kostituzzjonali, fejn fil-fatt ma kienitx saret talba ghal rimedju f'kaz ta' ksur.

13. Is-subartikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni jghid hekk:

> "Jekk f'xi proceduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin), dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatoria; u dik il-qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-decizjoni".

14. Fl-ewwel lok hija opportuna l-osservazzjoni li, ghalkemm fil-korp tad-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati li permezz tieghu rreferiet il-kwistjoni mqanqla mill-akkuzat lill-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali hemm indikati l-artikoli Kostituzzjonali u Konvenzjonali relevanti, ma tistax ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-intimat dwar il-mod kif saret ir-riferenza proprja mill-Qorti tal-Magistrati ghaliex, filwaqt li fl-ordni ta' referenza m'hemmx indikati d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li ghalihom tirreferi r-riferenza, m'hemmx ukoll indikazzjoni preciza tal-punt li dwaru qed jintalab gudizzju. Dik il-Qorti kienet tkun aktar konformi mal-ligi li kieku minflok semplicement talbet "l-gudizzju" tal-qrati kostituzzjonali, kienet aktar preciza dwar x'kienet qeghda titlob. Din il-

Qorti ma tqisx li r-referenza saret fit-termini precizi stabbiliti mir-regolament 5(1) tal-A.L. 279/2008[6], liema regolament jghid hekk:

> "5.(1)Fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u fl-artikolu 95(2)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-ordni li bih kwistjoni tigi mibghuta ghandu jkun fih b'mod konciz u car il-fatti u c-cirkostanzi li minnhom il-kwistjoni tinholoq, it-termini ta' dik il-kwistjoni, u jindika liema hi d-disposizzjoni jew liema huma d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali kif ikun il-kaz, li jkunu allegatament gew miksura".

15. Madankollu, din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-intimat li mill-premessi tad-digriet relattiv jirrizulta li r-referenza tirrigwarda l-allegat tul irragjonevoli li kienu qed jiehdu l-proceduri kontra l-imputat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, u dan bi ksur tad-drittijiet tieghu kif sanciti permezz tas-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Dan jinghad stante li fl-ahhar paragrafu tar-referenza, il-Qorti tal-Magistrati titlob lill-ewwel Qorti ghall- "*…gudizzju taghha dwar dan il-punt imsemmi hawn fuq*" li fil-fatt jissemma fl-ewwel paragrafu tal-konsiderazzjonijiet taghha.

16. Din il-Qorti ma tistax ukoll ma taqbilx mal-intimat li t-termini tar-referenza maghmula mill-Qorti tal-Magistrati ma jitolbux ghal rimedju. Din il-Qorti, diversi drabi, kellha l-opportunita` li tesprimi ruhha dwar il-funzjoni tal-ewwel Qorti meta ssir referenza kostituzzjonali lilha minn qorti ohra.

[6] Ara wkoll Q.Kos. 67/2011 para. 18, **The Police v. Nelson Arias,** 28 ta' Settembru, 2012, fejn huma wkoll rilevanti s-sentenzi citati.

In linea generali din il-Qorti tissenjala li l-funzjoni ta' dik il-Qorti hi li tirrispondi ghad-domandi maghmula minnha mill-qorti referenti, u l-parametri huma dawk stabbiliti mir-referenza stess[7] u mhux necessarjament li taghti rimedju, multo magis fil-kaz odjern fejn skont it-termini tar-referenza intalab biss "il-gudizzju" taghha u ma ntalab l-ebda rimedju.  Min-naha l-ohra pero` gurisprudenza ricenzjuri hi fis-sens li ghalkemm:

> "…..f'talba għal riferenza l-kompitu ta' qorti munita b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali huwa biss biex twieġeb id-domanda magħmula mill-qorti riferenti, iżda dan ma jfissirx li din il-Qorti ma tistax tagħmel kull osservazzjoni oħra li jidhrilha relevanti għal risposta sħiħa għad-domanda magħmula."[8]
>
> "17 …. Meta jkun hemm kwistjoni ta' natura kostituzzjonali li tingieb quddiem l-qorti b kompetenza kostituzzjonali, dik il-qorti kemm jekk tkun il-Qorti Kostituzzjonali u kemm jekk tkun il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, ghandha s-setgha mhux biss li tghid hemmx jew x'aktarx ikun hemm, ksur tal-jedd fondamentali izda wkoll li taghti dawk ir-rimedji jew provvedimenti ohra li jidhrilha xierqa fic-cirksotanzi sabiex jew taghti rimedju ghal dak il-ksur jekk ikun ga' sehh jew inkella sabiex dak il-ksur jigi evitat….. l-Art.46[2] ….".

17. F' kaz aktar ricenti u li l-fatti huma simili hafna ghal kaz[9] odjern, fejn il-proceduri kriminali waqqfu minhabba n-nuqqas ta' xhud li tixhed, din il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "29……… ghandu jkun manifest li jekk l-prosekuzzjoni tibqa' tonqos milli taghlaq mill-aktar fis il-provi taghha l-lezjoni tkompli tissokta, u

[7] Ibid.

[8] Q.Kos. 21/2016 **Il-Pulizija v. Philip Borg**,13 Frar 2017 – Sottolinear ta' din il-Qorti

[9] Q.Kos. **Il-Pulizija v. Silvio Zammit**, deciza fit-13/07/2018.  F' dan il-kaz l-ewwel Qorti iddecidiet li *"il-ksur ser jibqa' jissussiti sakemm il-prosekuzzjoni tagħmel dak kollu li għandha tagħmel sabiex jew tottjeni d-deposizzjoni ta' Inge Delfosse mill-aktar fis possibli jew tagħlaq listadju tal-provi tagħha fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs Silvio Zammit."*

> allura kien id-dmir ta' dik il-Qorti li fid-*decide* taghha tissenjala li jekk dan jithalla jsir mill-Qorti tal-Magistrati l-lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent protett mill-artikoli precitati ser tissokta.
>
> "28. Sahansitra fis-sentenza **Malcolm Said v. Avukat Ġenerali** mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016, citata fis-sentenza fuq imsemmija, din il-qorti rribadiet il-principju li:
>
> > "… … ... din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura…"
>
> "29. Ghaldaqstant din il-Qorti tikkunsidra legalment insostenibbli l-argument tal-appellant li l-ewwel Qorti marret *extra petita* meta, wara li rriskontrat il-lezjoni, issenjalat li sabiex titwaqqaf dik il-lezjoni, ir-rimedju indikat minn dik il-Qorti huwa konsegwenza logika u necessarja sabiex titwaqqaf il-lezjoni riskontrata."

18. Fil-kaz odjern, ikkonsidrat fid-dawl tal-principji guridici fuq esposti, din il-Qorti ma taqbilx mal-intimat appellat li l-ewwel Qorti marret *extra petita* meta osservat li l-lezjoni tad-dritt fundamentali ghal smigh xieraq tar-rikorrent ser tibqa' t-tul fiz-zmien jekk ma jittiehdux provvedimenti mirati ghat-twaqqif ta' dik il-lezjoni. L-ewwel Qorti kellha d-dmir li taghmel dawk l-osservazzjonijiet u anke taghti rimedji opportuni <u>sabiex il-lezjoni riskontrata ma tibqax fis-sehh</u>.

19. Ghaldaqstant l-aggravju tal-intimat mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

20. In propozitu ghall-aggravju tal-imputat, din il-Qorti tosserva li, ladarba jirrizulta li f'dak l-istadju tal-proceduri kriminali, hemm mezz iehor kif il-Qorti twaqqaf il-lezjoni bl-ordnijiet li tat, mhux il-kaz li f'dan l-istadju l-qrati kostituzzjonali jintervjenu direttament fil-proceduri kriminali kontra l-

imputat billi twaqqaf hesrem il-provi tal-prosekuzzjoni kif qed jippretendi l-imputat. Din il-Qorti hi tal-fehma li d-dikjarazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti u l-provvedimenti li tat bil-ghan li twaqqaf il-lezjoni huma flokhom u ma tara xejn x'ticcensura fir-rigward.

21. Ghaldaqstant l-aggravju tar-rikorrent mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din l-Qorti tiddisponi mill-appell principali tar-rikorrent u mill-appell incidentali tal-intimat billi tichadhom.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, fil-waqt li dawk relatati mal-appell principali jkunu a kariku ta' Robert Agius u dawk tal-appell incidentali jkunu a kariku tal-intimat Avukat Generali.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb